32006D0252

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Marzu 2006

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/217/KE fir-rigward tar-reġistru ta' sustanzi ta' taħwir użati fi jew fuq oġġetti ta' l-ikel

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 899)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/252/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 1996 li jistabbilixxi proċedura Komunitarja għas-sustanzi tat-taħwir użati jew maħsuba għall-użu ġewwa jew fuq l-oġġetti ta' l-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 jistabbilixxi proċedura għall-istabbiliment ta' regoli fir-rigward ta sustanzi ta' taħwir użati jew maħsuba għall-użu fi jew fuq l-oġġetti ta' l-ikel. Dak ir-Regolament jipprovdi għall-adozzjoni ta' reġistru ta' sustanzi ta' taħwir ("ir-reġistru") wara notifika mill-Istati Membri ta' lista tas-sustanzi li jagħtu t-togħma li jistgħu jintużaw fi jew fuq ikel kummerċjalizzat fit-territorju tagħhom u fuq il-bażi ta' studju mill-Kummissjoni ta' dik in-notifika. Dak ir-reġistru kien adottat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/217/KE ([2]).

(2) Ukoll, ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 jipprovdi għal programm għall-evalwazzjoni tas-sustanzi ta' taħwir sabiex jiġi stabbilit jekk jissodisfawx il-kriterji ġenerali għall-użu tas-sustanzi ta' taħwir stipulati fl-Anness għal dak ir-Regolament.

(3) Il-Kumitat Konġunt ta' l-Esperti FAO/WHO dwar l-Additivi fl-Ikel (JECFA) kkonkluda matul il-ħamsa u sittin laqgħa tiegħu tas-7 sas-16 ta' Ġunju 2005 li l-*acetimide* (FL 16.047) huwa b' mod ċar karċinoġeniku fil-firien u fil-ġrieden, u għalkemm il-mekkaniżmu ta' formazzjoni tat-tumur mhux magħruf, il-possibbiltà tal-mekkaniżmu ġenotossiku ma jistax ma jiġix ikkunsidrat. Il-JECFA kkunsidra mhux xieraq għal tali kompost li jintuża bħala sustanza ta' taħwir. Għalhekk l-acetamide mhux f'konformità mal-kriterji ġenerali stipolati fl-anness għar-Regolament (KE) Nru 2232/96 u għandu jitħassar minn fuq ir-reġistru.

(4) Id-Deċiżjoni 1999/217/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(5) Il-miżuri li hemm f'din id-Deciżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il- Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Anness għad-Deċiżjoni 1999/217/KE il-Parti A hi emendata kif ġej:

Il-filliera stipulata fit-tabella għas-sustanza bin-numru FL 16.047 (acetimide) titneħħa.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 299, tat-23.11.1996, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

([2]) ĠU L 84, tas-27.3.1999, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2005/389/KE (ĠU L 128, tal-21.5.2005, p. 73).